# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 19**

**Rikors numru 851/20/2 TA**

**Ylenia Keegan u Paul Keegan**

**v.**

**Design & Engineering Ltd (C-49640) ġià magħrufa bħala Engineering Consultancy Ltd**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqu l-atturi fil-25 ta' Settembru, 2020 u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-villa magħrufa bħala 'Canonbury, Triq Galata, High Ridge, Madliena.
>
> 2. Illi l-esponenti kienu ingaġġaw lis-soċjetà konvenuta sabiex tipprovdi servizzi professjonali ta' inġinerija ai termini ta' *quotation* datata 18 ta' Marzu 2012 (anness Dok. 'YKI).

3. Illi s-servizzi reżi mis-soċjetà konvenuta lill-esponenti kienu jinkludu wkoll id- disinn u superviżjoni ta' sistema ta' "*Cold and Hot Water Plumbing, Domestic hot water circulation and Drainage Plans for each individual level including shaft layout plans and booster pumps." u "Piped under floor Or Radiator heating system, including thermostats distribution manifolds, calorifier, pumps, fed from an LPG fired Boiler from burried Bulk Vessel OR Electric heat pump."*

4. Illi s-soċjeta konvenuta ma wettqitx is-servizz lilha kommissjonat skond is-sengħa u l-arti iżda eżegwiet tali inkarigu b'nuqqas ta' ħila, negliġenza u traskuraġni;

5. Illi effettivament is-soċjetà konvenuta pprovdiet disinn li irriżulta f'heating system ineffiċjenti, li ma jaħdimx sew, u li mhux adatt għall-użu li għalih huwa intiż.

6. Illi l-esponenti kienu inkargaw lill-Inġinier Joseph Cuschieri bħala espert ex parte li kien ikkonferma, permezz ta' rapport datat 25 ta' Jannar 2016, li s-sistema in kwistjoni ma ġiex iddizinjat sew u anki kien irrakkomanda xi modifiki sabiex dan jibda jaħdem aħjar (anness Dok. 'YK2').

7. Illi minkejja li saru tali modifiki s-sistema *de quo* baqa' jaħdem ħazin.

8. Illi aktar reċentement l-esponenti inkarigaw lill-Inġinier Christopher Sammut espert ex parte sabiex jeżamina s-sistema *de quo* u dan ukoll ikkonstata li dan ma kienx ġie ddiżinjat sew u li bħala konsegwenza t'hekk ma kienx qed jaħdem sew u kien qed jaħdem b'mod ineffiċienti, b'mod li mhux adatt għall-użu li għalih huwa intiż u qiegħed jirriżulta wkoll f'konsum eżaġerat ta' dawl u ilma bla bżonn.

9. Illi dana kollu kkaġuna, u għadu qiegħed jikkaġuna, danni lill-esponenti, konsistenti inter alia fil-flus imħallsa inutilment lis-soċjetà konvenuta għas-servizz minnha mogħti, l-ispiża sabiex ġie mixtri u installat is-sistema *de quo*, l-ispiża sabiex l-istess sistema jitneħħa u minfloku jsir sistema ġdida jew altrimenti jiġu rettifikati l-iżbalji imwettqa mis-soċjetà konvenuta u konsum eżaġerat ta' dawl u ilma.
10. Illi s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas ta' danni permezz ta' ittra uffiċjali datata 14 ta' Mejju 2020 li ġiet debitament notifikata lilha, madanakollu s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti u lanqas biss wieġbet għall-istess ittra uffiċjali.

11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta eżegwiet l-inkarigu lilha mogħti b'nuqqas ta' ħila, negliġenza u traskuraġni u li b'riżultat ta' hekk l-esponenti sofrew danni inġenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti kif premess, okkorrendo bin-nomina ta' esperti tekniċi;

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas id-danni likwidati ai termini tat- talba preċedenti;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-ittra uffiċjali datata 14 ta' Mejju 2020 u l- mandat ta' sekwestru kontestwalment preżentat u l-imgħaxijiet legali fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, rappreżentanti ta' liema huma inġunti għas-subizzjoni''.

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Il-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi biex jipprosegwu t-talbiet tagħhom f'din il-kawża billi huma u l-eċċepjenti kienu transiġew definittivament l-istess ilmenti u pretensjonijiet tal-atturi naxxenti mir-relazzjoni ta' appalt li kien hemm bejniethom.

2. Mingħajr preġudizzju u fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

3. Mhux minnu li l-eċċepjenti ma wettqitx ix-xogħol kummissjonat lilha mill-atturi skond is-sengħa u l-arti, jew li eżegwietu b'xi nuqqas ta' ħila, jew b'negliġenza jew bi traskuraġni.

4. Id-disinn provdut mill-eċċepjenti għall-faċilitajiet li riedu l-atturi, skond l-istruzzjonijiet li tawha, u l-għażliet li għamlu l-istess atturi, mal-bqija tal-konsulenti tagħhom, kien għal kollox kif titlob is-sengħa u l-arti fil-parametri tal-istess struzzjonijiet u għażliet.

5. Mhux minnu li xi sistema minn dawk disinjati mill-eċċepjenti, skond l- istruzzjonijiet li rċeviet mingħand l-atturi, u bl-għażliet li għamlu l-istess atturi, kienu f'xi mument jaħdmu ħażin.

6. L-eċċepjenti eżegwiet fl-intier tiegħu l-appalt mogħti lilha mill-atturi, skond is- sengħa u l-arti, u f'konformita sħiħa mal-ordnijiet u l-għażliet li għamlu l-atturi, u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-kors ta' din il-kawża.

7. F'kull każ, l-eċċepjenti ma taħti bl-ebda mod fil-konfront tal-atturi, u għalhekk ma għandha tħallashom xejn.

8. Mingħajr preġudizzju, l-atturi għandhom ibatu waħedhom l-ispejjeż ta' din il- proċedura, u tal-atti ġudizzjarji kollha intavolati minnhom kontra l-eċċepjenti, inkluż tal- mandat ta' sekwestru fuq is-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000), billi dawn saru għal kollox b'abbuż ta' dritt, u bil-ħsieb ċar li jġibu lill-eċċepjenti daharha mal-ħajt biex iċedi għall-pretensjonijiet frivoli u malizzjużi tagħhom.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri''.

3. Rat illi b'digriet mogħti fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2020, quddiem l-Ewwel Qorti, dik ordnat li, f'dak l-istadju jinstemgħu provi u tiġi deċiża biss l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu, 2023, li in forza tagħha dik il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom;

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>Punti ta' fatti</u>**

L-Atturi huma propjetarji ta' Villa bl-isem ta' "Canonbury" fi Triq Gaklata, High Ridge, Madliena. Fil-kors ta' kostruzzjoni ta' din il-Villa inkarigaw lis-Soċjeta' konvenuta sabiex tirrendi lill-Atturi servizzi professjonali ta' inġinerija u dan skond quotation datata 18 ta' Marzu 2012 (Ara dok YK1 anness mar-rikors ġuramentat).

Fost is-servizzi li kellha tirrendi s-Soċjeta' konvenuta kien hemm dak li toħroġ b'disinn ta' sistema idrawlika fost oħrajn ġenerazzjoni ta' ilma sħun (ara a' fol 9). L-atturi qiegħdin isostnu li f'dan ir-rigward is-Soċjeta' konvenuta ma għamlitx xogħol skond l-arti u s-sengħa u esegwit l-inkarigu b'nuqqas ta' ħila, negliġenza u traskuraġni. Dan minħabba li d-disinn tas-sistema li ssaħħan l-ilma rrisulta li huwa wieħed ineffiċjenti, ma jaħdimx sewwa u ma hux idoneju għall-użu li huwa intiż għalih.

Skont l-Atturi dan kollu anke jirriżulta minn rapport ex parte tal-inġinier Joseph Cuschieri datat 25 ta' Jannar 2016 ( ara a' fol 11). Illi minkejja li saru ċertu modifiki, id-difetti fis-sistema baqgħu. Sussegwentement, l-Atturi nkarigaw ukoll lill-inġinier Christopher Sammut biex jeżamina x-xogħol li sar u dan ukoll prattikament wasal għall-istess konklużjoni tal-inġinier Cuschieri.

B'konsegwenza ta' dan kollu, l-Atturi jgħidu li soffrew id-danni, apparti flus diġa' imħallsa u oħrajn biex jipprovaw jirrimedjaw id-difett anke f'kontijiet tad-dawl u ilma esaġerati.

Għalhekk kellha ssir din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

Kif diġa' aċċennat, il-Kawża tħalliet għas-Sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni. Permezz ta' din l-eċċezzjoni s-Soċjeta' konvenuta tissolleva li l-Atturi ma għadx fadallhom interess ġuridiku biex jippromwovu l-azzjoni minnhom ittentata għaliex il-partijiet transiġew definittivament l-ilmenti u pretensjonijiet tal-Atturi imnissla minn kuntratt ta' appalt li kien hemm bejniethom.

Tant biex jingħata *time line* ġenerali, l-eċċezzjoni trid titqies fid-dawl taż-żewġ stadji tat-trattativi bejn il-partijiet. L-ewwel stadju hija dik ta' qabel l-ittra tal-10 ta' April (a' fol 68) u t-tieni stadju wara din l-ittra.

Pero' qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu trid l-ewwel tqis dak li ssolevat l-Attriċi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha. Inkwantu li transazzjoni fiż-żwieġ regolat mir-reġim tal-kommunjoni tal-akkwisti, jeħtiġilha li tkun akkonsentita miż-żewġ konjuġi biex ikollha validita'.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha l-attriċi targumenta li l-allegata transazzjoni hija ineffikaċi għaliex "*L-Artikolu 1322(2) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li: (2) Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien. Għalhekk, kull tip ta' tranżazzjoni, kemm jekk tirrigwarda atti ta' amministrazzjoni ordinarja kif ukoll jekk tirrigwarda atti ta' amministrazzjoni straordinarja, tmiss liż-żewġ miżżewġin flimkien".*

*Il-Qorti tal-Appell f'Avv. Dr Stephen Thake noe v. Antoinette Cachia et, iddeċidiet li, "l-Artikolu 1322(2) tal-Kapitolu 16 irid li meta jitwettqu atti ta' amministrazzjoni straordinarja jkun hemm il-komparteċipazzjoni tal-konjuġi u mhux semplicement il-kunsens espliċitu jew preżunt. Isegwi li att simili ma jistax jiġi kunsidrat bħala validu fl-assenza tal-parteċipazzjoni ta' wieħed mill-konjuġi."*

Insostenn tat-teżi tagħha f'dan ir-rigward għamlet referenza għall-artikolu 1326. (1) tal-kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Atti li jeħtieġ l-kunsens*

*taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jitwettqu minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jistgħu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-aħħar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu."* (Emfażi tal-Qorti).

Issa huwa minnu li artikolu *1322. (1)tal-Kodici Civili jipprovdi Li " L-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa.*

*(2) Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien"* (Emfażi tal-Qorti).

Iġifieri, il-liġi speċifikament tesiġi li meta jkun hemm transazzjoni, iż-żewġ konjuġi għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom. Pero' lanqas tgħid li dan huwa meħtieġ taħt piena ta' nullita' u dan għal raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l quddiem.

Jrid ukoll jiġi apprezzat, li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn atti li jirreferu għall-beni mmobiljari u dawk li huma mobiljari, tant li fil-waqt li atti li jolqtu drittijiet rejali jistgħu jiġu annullati *dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu.* Ma jkunux jistgħu jiġu annullati jekk ikun hemm in-negozju jkun onoruż, bħal ma huwa l-każ ta' transazzjoni.

Issa, ma għadu jkun hemm ebda dubbju, li r-relazzjoni bejn il-partijiet għal din il-Kawża huwa appalt, li bħali tali huwa meqjus bħala beni mobbli (ara l-artikolu tal-kodiċi Ċivili 315C) Għalhekk, isegwi li japplika l-artikolu 1326(5) tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li *" Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta f'xi att li jkun jeħtieġ il-kunsens tal-parti l-oħra u li jkun dwar mobbli, parti taġixxi waħedha, il-parti l-oħra ma tkunx tista' titlob annullament tal-att, meta iżda, il-parti l-oħra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew taċitament, dik il-parti tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti li tkun aġixxit waħedha tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu".* Dan ifisser ukoll, li dak li jiddisponi l-artikolu 1322(2) tal-Kodiċi Ċivili, irid jinqara fid-dawl ta' dan l-artikolu. Dan jispjega għaliex f'dak il-każ il-leġislatur ma imponiex in-nullita' ta' atti taħt dak l-artikolu.

Fir-rigward ta' dan l-artikolu 1326(5), dawn il-Qrati jgħallmu *li fl-assenza ta' prova li dik il-parti, espressament jew tacitament, irratifikat dak l-att, ir-rimedju tal-parti li ma tkunx ippartecipat fl-att ta' amministrazzjoni straordinarja, jkun biss li "tiehu azzjoni biex iggieghel*

*lill-parti li tkun agixxit wahdeha tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista` jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkunu ggarbu" (Art. 1326(5)). Minn dan jidher li att ta' amministrazzjoni straordinarja ta' wiehed mill-konjugi wahdu jorbot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kemm-il darba ma jkunx hemm pronunzjament tal-qorti dwar in-nullita` ta' dak l-att. Ir-relazzjonijiet interni bejn il-konjugi ghar-reintegrazzjoni jew danni, kif fuq inghad, ma jeffettwawx lit-terz.* (Ara **Sentenzi tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ġunju, 2003 Appell Ċivili fl-ismijiet Anthony Bugeja -vs- Publius Micallef et**). F'dan is-sens gie ribadit "*Illi fejn għemil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għemil xorta waħda jkun jgħodd. Imma jekk għemil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għemil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att."* (Ara **Sentenza tal-Appell Superjuri tat-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet George Busuttil et -vs- Anthony u Maria Dolores konjuġi Vassallo**.) Issa, fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti la hemm immobbli u lanqas atti gratwiti.

**<u>L-ewwel stadju</u>**

Il-Qorti tgħaddi mill-ewwel biex tagħmel referenza għal dak li jgħid Artikolu 1718 tal-kodiċi Ċivili jiddisponi hekk dwar dan l-istitut tal-liġi:

> "*It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir*".

Jibda biex jingħad, li l-leġislatur jagħti importanza partikolari lil dan l-Istitut, għaliex permezz tiegħu *lite* tiġi definittivament u irriversibilment terminata, fil-veru sens tal-kelma tindifen darba għal dejjem. Din hija l-mira aħħarija ta' kull Sentenza: li toqtol *lite*. Konsonanti ma' dan il-ħsieb, Artikolu 1729. (1) tal-kodiċi Ċivili jiddisponi li "*It-transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, is-setgħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat.(2) Ma tistax tiġi attakkata minħabba żball ta' liġi*"

F'dan ir-rigward ġie mgħallem li *"Illi l-importanza li l-istat jagħti lit-transazzjoni hi waħda impliċita, u dejjem ġiet rikonoxxuta. Wieħed isib ukoll il-konferma ta dan f'ħafna aspetti tal-liġi: per eżempju fil-fatt li transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, mhux biss is-solitu effett ta' kuntratt, li hu l-liġi bejniethom [Art 992, Kodiċi Ċivili], imma effett ta' res judicata [Art 1729, Kodiċi Ċivili]; ukoll, jekk kawża tiġi transatta, l-ispejjeż jonqsu sostanzjalment".* (Ara **Digriet tal-Prim' Awla Per Imħallef Robert Mangion tat-2 ta' Marzu, 2020 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Aspider Solutions Malta Limited -vs- Redtouch Fone Limited**).

Meta għalhekk tiġi riproposta azzjoni, jekk titqanqal eċċezzjoni bħal dik li qed tkun kkunsidrata, għandu jkun eżaminat jekk dik it-tieni azzjoni kienitx ġiet estinta bit-transazzjoni preċedenti tal-*lite*. Biex it-tieni azzjoni tirnexxi jrid jirriżulta xi att novattiv. Il-kummentaturi taljani dwar ġabra ta' Sentenzi tal-Qorti ta' Cassazzjoni Taljana dwar dan l-Istitut jinnotaw hekk:

> "*Si ha transazzjoni novattiva quando, dall'esame dell'intenzione delle parti e delle clausole contrattuali, risulti che la transazione sia incompatibile con alcune delle obbligazioni oggetto del precedente rapport, e che dalla transazione sorga un'obbligazione oggettivamente diversa da quelle presistente, sicche' l'obbligazione posteriore sostituisce la precedente. Ai fini di accertare una in concreto l-esistenza di una transazione novativa, l'esame del intenzione delle parti e delle clausole contrattuali rientra nell'apprezzamento insindicabile del Giudice di merito*" ( Ara **Pescator & Ruperto, Codice Civile Annotato, Ed Giuffre Edizz 1979 pg 1965**).

Dan il-ħsieb ġie anke rifless fis-Sentenzi tagħna meta ntqal li *"Transazzjoni ittemm biss il-pendenzi li jigu kontemplati mill-partijiet meta ttransigew u avolja jigu uzati espressjonijiet li juru transazzjonijiet generali, il-Qorti ma tistax tichad lill-partijiet id-dritt li jipprovaw* <u>*xi pretensjoni gdida*</u> *taghhom ma kienitx kompriza fit-transazzjoni*" (Emfażi tal-**Qorti tal-31 ta' Diċembru 1965 fl-ismijiet Joseph Barbara -vs- Carmelo Barbara**). Aktar minn hekk, element importanti tat-transazzjoni huwa dak tas-sagrifiċċju reċiproku tal-partijiet. Dan il-prinċipju jimporta, li kull parti sabiex tiġi evitata kawża jaċċetta anqas minn dak li seta' jieħu fl-eventwalita' ta' suċċess b'kawża. Għalhekk huwa interessanti dak li josservaw l-awturi fuq dan l-aspett ġuridiku:

> "*Essenziale alla trasmissione e, l'esistenza di concissioni reciproci se la concessione venisse fatta da una parte sola no si avrebbe una transazione, bensi' una rinuncia totale o parziale, al diritto o alla pretesa, e le regole applicabili sarebbero diverse. L'esistenza delle concessioni va determinata non in relazione ai diritti che effettivamente spettavano a ciscuna parte, bensi' la relazione alle pretese che ciascuna faceva valere, Occorre cioe' che cisacuna parte consegua vantaggi minori di quelli cui pretendeva di aver dirritto e maggiori di quelli che l-altra parte si mostrava disposta a riconoscerle."* (**Pietro Trimarchi, Istituzioni Di Diritto Privato, 9th Ed., Giuffre, para 383**).

Bl-istess mod jaħsubha l-Awturi Andrea Torrente u Pietro Schlesinger meta josservaw li "*Senza il reciproco sagrificio, che le parti accettano per eliminare il fastidio, le spese, ed il-rischio di un processo, non v'e' transazione: se per esempio, una delle parti rinuncia puramente e semplicemente al suo punto di vista ed accetta integralmente quello dell-altro, vi e' rinuncia a resistere o ad agire, ma non transazione, perche' questa si realizza solo quando vi siano concessioni reciproche, cioe' da entrambe parti.*

*Di fronte al rischio de perdere la lite entrambi gli interessati preferscono pervenire, sia pure con reciproci sagrifici e quindi in modo non del tutto sodisfacente per nessuna delle parti."* (**Andrea Torrente u Pietro Schlesinger, Manuale di Diritto Privato, 1990, Giufre. Cap LIII para 360**).

Fi ftit kliem it-transazzjoni hija kuntratt ta' skumdita' għall-partijiet għaliex jikkuntentaw rwieħhom b'dak li jieħdu barra il-Qorti, minkejja li kull wieħed jemmen, li seta' jmur aħjar b'Sentenza finali. F'dan il-każ, il-partijiet jirrinunzjaw reċiprokament għas-sodisfazzjon totali tad-dritt u jaċċettaw soluzzjoni parzjali, biex jevitaw l-iskomoditajiet li ġġib Kawża magħha.

**Konsiderazzjonijiet**

Ma ebda dubbju, li mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti, żgur li kien hemm mument fejn il-partijiet riedu li jitterminaw il-kwistjonijiet kollha ta' bejnithom. Il-Qorti għalhekk, trid teżamina l-provi li għandha quddiemha biex tara jekk fil-fatt ġietx krejata bejn il-partijiet, transazzjoni skont il-liġi u fid-dawl tat-tagħlim fuq imsemmi.

Jibda biex jingħad, li Johann Aloisio jixhed li meta mar għand l-Attriċi mar biċ-*cheque book* u qalilha tgħidlu xi "*trid halli naghlquha dil-kwistjoni*" ( Emfażi tal-Qorti a' fol 86 tergo).Dan il-ħsieb jisħaq fuqu għal darb'oħra meta fil-kontro eżami jgħid "*Biex naghlaq kapitolu hu. Ma nibqax imdendel ma' din il-Villa*." (Emfażi a' fol 146). Arajan Metaraku ta' M&E Installations Ltd, jikkonferma li l-ħlas għat-tibdil tal-heat pump ħallas għalihom Johann Aloisio. (a' fol 77). Dan jixhed li "*There were a lot of meetings, a lot of emails forth and back …So several times we came to the conclusion that the heat pump was consuming a lot of energy and the three of us myself, Engineer Johann Aloisio and Mrs Keegan* ***we came to the conclusion that this heat pump is to be replaced*"** (Emfażi tal-Qorti).

Jidher li f'xi ħin intlaħaq ftehim b'konsegwenza ta' numru ta' emails fost oħrajn dik mibgħuta minn Johann Aloisio, tal-21 ta' Marzu 2017 fejn bħala kundizzjoni insista li "*We will no longer be held responsible for the design from now onwards*" u kif ukoll "*The lawyer drops all charges against me and no other claims can be issued*". Għal din l-ittra l-Attriċi wieġbet telegrafikament bil-kelma "*Agreed*" ( ara fol 53).

B'konsegwenza ta' hekk, Johann Aloisio jgħid li "*Igifieri jiena gibt il-crane fthemt ma' dan Arjan li kienet kuntenta li tixtri minghandu, ghedtlu li kif ittella' l-ohrajn dawn ser inhallsek taghhom ha nnizzel l-ohra ha jkun hawn vann lest u nehodha jiena l-ohra…"* (a' fol 86 tergo). Hallas ukoll l-ispejjes kollha għal din l-operazzjoni (a' fol 88).

L-Attriċi ma ticħadx li kien hemm ftehim iżda tgħid li dak li qed titlob f'din il-kawża ma kienx parti mill-ftehim inkwistjoni. Di fatti din tixhed hekk :

> "*Issa, fl-email meta ghedt agreed, jiena ovvjament ghedt agreed ghax dak iz-zmien ahna mxejna fuq l-affarijiet li konna nafu dak iz-zmien. Meta imbaghad installajna l-heat pump, ahna ma konniex nafu l-estent tal-problemi li hallilna Johann. …Issa wara li nstallajna t-tieni pump, mhux ahna imma Arjan u anke jigifieri enginiera ohra qalulna l-estent tal-problemi li kellna dak iz-zmien kienu ferm akbar…"* ( Emfażi tal-Qorti, a' fol 163).

Fi ftit kliem, l-Attriċi qiegħda tipprova tinvoka element novattiv u li ma kienx mertu tat-transazzjoni preċedenti.

Pero' mir-rapport tal-Perit Carmel Cuschieri u kif ukoll mill-ittra ta' Dr. Peter Caruana Galizia, jemerġi li kien hemm diġa' problemi estensivi meta sar il-ftehim bis-saħħa tal-iskambju tal-ittri fuq imsemmija. Di fatti, fil-ħames premessa tar-rikors ġuramentat, b'referenza għar-rapport ta' Cuschieri li sar **qabel** l-emails imsemmija, l-Attriċi ssostni, li bħala espert ex-parte fir-rapport tiegħu tal-25 ta' Jannar 2016 il-konklużjoni tiegħu kienet li "*is-sistema in kwistjoni ma gietx iddisinjata sewwa*". Iġifieri b'dan ir-rapport diġa' kienet allertjata li l-problema kienet waħda estensiva u mhux lokalizzata għall-heating pump.

F'dan ir-rigward huwa sinjifikanti li meta l-Attriċi tixhed, li wara li lmentaw, saru xogħolijiet **fuq ir-rakkomandazzjoni ta' Cuschieri.** Dan ifisser, li l-pumps l-oħra kienu ma kienux rakkomandazzjoni tas-Soċjeta' konvenuta. L-Attriċi esebit numru ta' emails iżda mhux dik tal-10 ta' April 2017, *"lapsus"* li fil-fhema tal-Qorti huwa wkoll indikattiv (Ara emails a' fol 49 ,50, 53, 68, 69 u 70).

L-ittra tal-10 ta' April 2017 tkompli temfasizza x-xorta ta' qbil raġġunt fid-dawl tal-ittra l-oħra fuq imsemmija tal-21 ta' Marzu 2017. F'dik l-ittra Johann Aloisio kiteb li fost oħrajn jinsisti "*Please confirm that I will no longer be responsible for the design*" (emfażi tal-Qorti). Għal darb'oħra r-referenza hija għad-disinn kollu. Hames minuti wara l-Attriċi wieġbet għal darb'oħra b'mod telegrafiku imma univokament bil-kelma "*Confirmed*" (a'fol 68 u 69).

Iġifieri fil-mument li ntlaħaq il-ftehim, kien ċar, li l-kuntest tan-negozjati **kien jirrigwarda d-disinn kollu** u mhux xi parti minnu. Dan huwa s-sagrifiċċju reċiproku li jimporta l-Istitut tat-transazzjoni, li kull naħa tissagrifika parzjalment parti mill-pretensjonijiet tagħha. Is-Soċjeta' konvenuta kellha tissoporti l-ispejjes li kellha tidħol għalihom biex intlaħaq il-ftehim bis-sostituzzjoni tal-pump bi tnejn oħra żgħar, mentri l-Attriċi issagrifikat kull pretensjoni li kellha kwantu jirrigwarda s-sistema kollha u d-disinn kollu li għamlet is-Soċjeta' konvenuta.

**It-tieni stadju**

Issa l-Attriċi qed tgħid, li l-fatt li Johann Aloisio mar u baqa' jagħti pariri wara li kien intlaħaq il-ftehim u wara l-ittri fuq imsemmija, meta baqet tilmenta miegħu

fis-sens li ma kienitx għadha sodisfatta. Tgħid li allura dan ifisser, li huwa kien qiegħed jaċċetta li għadu responsabbli. L-Attriċi targumenta li dan huwa aġir ma hux kompatibbli ma' dak ta' xi ħadd li jkun ittransiġa pendenza. Huwa minnu li l-imsemmi Aloisio, anke wara l-10 ta' April 2017 u meta kienu ġew installati żewġ pumps, reġa' mar għand l-Attriċi għaliex reġgħet bdiet tilmenta. L-Attur fix-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> "**Xhud**: *Ghaddew xaharejn bejn wiehed u iehor. Ghedtilha isma' ghidtilha l-5% l-ohra, dan beda jigri warajja miskin ghall-5% l-ohra, Dan Arian. Għedtilha l-5% l-ohra ha nhallsu taghhom? Qatli le ghax ghadni mhux kuntenta, Kellimtha u ergajt kellimtha. Imbaghad ghedtilha isma' ghedtilha li dak ha nhallsu x'ha naghmlu? Imbaghad qaltli isma' tista' tigi tara daqxejn? U jien ic-cuc ha nitkellem bil-Malti ergajt mort.*
>
> **Qorti**: *Dan wara li kienet bghattitlek hi qaltlek confirmed?*
>
> **Xhud**: *Hekk hu.*
>
> **Qorti**: *Mela ergajt mort*.
>
> **Xhud:** *Ergajt mort, Ghedtilha hawnhekk dil-heat pump. Ghedtilha issa li tista' taghmel iktar ghedtilha gia' ghedtlek biex taghmlu qabel. Kont tajtha hafna biex timpruvja per ezempju flok circulation system biex ma jdumx biex jigi, taghfas buttuna per ezempju tal-kamra tal-banju, jekk dan jahdem il-pompa tas-circulation u ssibu mill-ewwel.*
>
> **Qorti**: *Imbaghad kompli ergajt mort?*
>
> **Xhud**: *Imbaghad mort, ghedtilha isma' flok tuza per ezempju l-pipe li jaghti dawn l-affarijiet naghmluhom spiss ta' sikwit f'installations ohra. Għedtilha u jkollok l-ilma li jigi qabel. Imma mbaghad ma sar xejn f'daqqa*."

Huwa minnu wkoll li Aloisio tant ried ma jkollux x'jaqsam aktar mal-Attriċi, li saħansitra kien lest li jħallas € 5,000 għaliex "*inkella ha' nibqa' nkaxkar u nitlef il-flus*." (a' fol 89 tergo). Huwa minnu wkoll li dan Aloisio jgħid ukoll li ried jgħin lill-Attriċi. Għat-tieni intervent tiegħu, la qatt bagħat kont u lanqas tħallas (a' fol 168 u tergo, Xhieda tal-Attriċi).

Dan l-aġir tal-konvenut Aloisio, il-Qorti taraħ f'dawl differenti minn dak sottomess mill-Attriċi. L-anqas ma hi kwistjoni, li s-Soċjeta' Attriċi riedet tagħmel xi pjaċir kif bħal donna qed tgħid is-Soċjeta' konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Dak li trid tara l-Qorti hu, jekk dak li qed titlob l-Attriċi f'dawn il-proċeduri, minkejja l-intervent sussegwenti tas-Soċjeta' Attriċi, kienx xorta jifforma parti mill-ewwel ftehim ta' transazzjoni. Iġifieri fl-analiżi ta' din il-kwistjoni il-Qorti tagħmel valutazzjoni oġġettiva li tipprexxindi minn kull konsiderazzjoni oħra.

It-tweġiba hija fil-posittiv. Ma hiex kwistjoni ta' jekk l-aġir tal-imsemmi Johann Aloisio kienx kompatibbli ma dak li kien mifthiem qabel, iżda

jekk dak li kienet qed titlob l-Attriċi kienx il-mertu tat-transazzjoni diġa' milħuqa, indipendentement mill-interventi li saru mis-Soċjeta' Attriċi wara l-10 ta' April tal-2017 (data tal-ittra fuq imsemmija).

Il-fatt li Aloisio aċċetta li jerġa' jara x'kienet il-problema, il-fatt li hu baqa' anke jagħti l-fhema tiegħu x'jista' jsir, ma jnaqqas xejn minn dak li ġie miftiehem, għax fit-tieni stadju ma feġġitx problema ġdida, iżda waħda li kienet il-mertu tal-ftehim preċedent ta' transazzjoni. Kienet għalhekk kwistjoni antika u mhux waħda ġdida.

Biex tiġġustifika l-azzjoni odjerna, l-Attriċi tispjega, li fit-tieni okkażjoni ma kienitx taf bl-estent tal-problema li ħallitilhom is-Soċjeta' Konvenuta. Dan ma jidhirx li huwa minnu, għaliex kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, fir-rapport tal-Enġinier Cuschieri tal-25 ta' Jannar 2016, rapport dettaljat għall-aħħar, l-estent tal-problema kienet diġa' magħrufa lill-Attriċi. Di fatti f'ittra, ukoll datata 10 ta' April 2016, pjuttost dettaljata, l-Attriċi kienet diġa' konsapevoli tal-estent tal-problema (a' fol 48).

Kien fid-dawl ta' dan kollu li f'ittra legali tat-3 ta' Marzu 2017 l-avukat tal-Attriċi kiteb lil Johann Aloisio "*I have advised the that your company must bear full professional responsibility <u>for the design and choice of plant</u> and that one should initially try and come to an amicable settlement on a bid to resolve the issue*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 103). Iġifieri l-ilment oriġinali tal-Attriċi kien wieħed estensiv. Li kieku din il-Qorti kellha tirraġuna mod ieħor, tkun qed tippermetti li persuna tħallas darbtejn għal pendenza li ġiet magħluqa bi transazzjoni għaliex din il-persuna baqet toffri s-servizzi tagħha biex tgħin. Huwa għalhekk li t-tagħlim huwa fis-sens li l-kwistjoni trid tkun waħda għal kollox ġdida.

Dan kollu jfisser li, anke konsonanti mal-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*, l-Attriċi ma tistax issa terġa' lura minn kull rabta kuntrattwali li ħolqot it-transazzjoni milħuqa. Kif jispjegaw dawn il-Qrati:

> "*In tema legali ghandu jinghad illi galadarba l-attrici qeghda inter alia titlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni <u>jew ta' transazzjoni</u>, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju pacta sunt servanda.*
>
> *Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-*
>
>> *'(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*
>>
>> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".* (Emfażi tal-Qorti u ara **Sentenza tat-12 ta' Diċembru, 2018 Kawża Nru. 66/14 RGM fl-ismijiet A C Vs. B D**).

> Dan ifisser, li l-eċċezzjoni numru wieħed tas-Soċjeta' konvenuta, senjatament li l-Atturi ma għadx għandhom interess ġuridiku biex iressqu l-azzjoni odjerna minħabba transazzjoni, ser tintlaqa' u konsegwentement it-talbiet Attriċi ser ikunu miċħuda."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

> "tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimetti lura l-kawża lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tat-talbiet attriċi u tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata, bl-ispejjeż a karigu tal-istess soċjetà appellata".

7. Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta, li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-appellanti, bl-ispejjeż;

8. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat:**

10. Illi f'din il-kawża, jirriżulta li l-atturi inkarigaw lid-ditta konvenuta sabiex din tħejji disinn u twettaq ix-xogħol meħtieġ ta' *under floor heating*

u s-sistema tal-ilma kiesaħ u sħun fil-villa tagħhom ġewwa l-Madliena. Dan ix-xogħol jidher li ma tax ir-riżultat mixtieq, u l-atturi kkonsultaw mal-inġinier Joseph Cuschieri li ħejja rapport dettaljat dwar ix-xogħol li, skont hu, sar difettuż mis-soċjetà konvenuta. Bażikament dan irrelata li l-problema kienet naxxenti mill-fatt li s-soċjetà konvenuta wżat pompa waħda kbira biex issaħħan l-ilma għall-*under floor heating*, u issuġġerixxa li s-sistema tinqasam u jintużaw żewġ pompi iżgħar. Wara ħafna korrispondenza, is-soċjetà konvenuta aċċettat li jsir dan ix-xogħol a spejjeż tagħha, iżda mit-tekniku mqabbad mill-atturi. Is-soċjetà konvenuta aċċettat dan bil-kundizzjoni li hi "*will no longer be held responsible for the design from now onwards*" u li l-avukat tal-atturi "*drops all charges against me and no other claims can be issued".* Dawn il-kondizzjonijiet ġew aċċettati mill-atturi.

11. Ġara, però li wara li saret il-bidla, il-problema li kellha s-sistema baqgħet hemm. Is-soċjetà konvenuta reġgħet ippruvat tara x'inhi l-kawża tal-problema, u ippruvat tilħaq ftehim amikevoli mal-atturi. Dan ma seħħx u l-atturi fetħu din il-kawża għad-danni. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet preliminarjament illi bejn il-partijiet kienet seħħet transazzjoni u ma kienx leċitu li jinfetħu pretensjonijiet kontra tagħha. L-atturi jgħidu li l-ftehim seħħ bl-intiża li l-problema tiġi solvuta, iżda f'dan il-każ kollox baqa' l-istess. Jgħidu wkoll li, f'kull każ, bl-involviment tas-soċjetà konvenuta

wara li nbidlet is-sistema, kienet hi stess li aċċettat li tagħmel tajjeb għad-danni.

12. L-Ewwel Qorti ma aċċettatx l-argumenti tal-atturi u ċaħdet it-talbiet tagħhom wara li qieset li bejn il-partijiet seħħet transazzjoni li kienet torbothom.

13. Din il-Qorti tibda biex tgħid li bejn il-partijiet hemm qbil li bejniethom seħħet transazzjoni valida u dan wara *e-mail* li kien bagħat Johann Aloisio għas-soċjetà konvenuta fil-21 ta' Marzu, 2017, b'kundizzjonijiet li ġew aċċettati mill-attriċi. In-nuqqas ta' qbil idur fuq l-effett ta' dak il-ftehim u l-konsegwenzi ta' dak li seħħ wara li nbidlet il-pompa.

14. L-attriċi tgħid li meta aċċettat il-kundizzjonijiet hija riedet teħles mill-problema u ma kinitx taf li l-problema tmur aktar fil-fond minn sempliċi bdil tal-pompa. Din il-Qorti ma taqbilx. Qabel ma aċċettat l-offerta hija talbet l-opinjoni tal-inġinier Cuschieri u dan ħejja rapport li fih fisser fid-dettal is-sistema installata u l-problemi li kien hemm inerenti fis-sistema. Dan l-inġinier ħareġ ukoll b'parir biex is-sistema issir effiċjenti u ma tiqbax aktar ineffiċjenti. Dan ifisser li meta saret l-offerta mis-soċjetà konvenuta, l-atturi kellhom f'idejhom l-ispjegazzjoni kollha tas-sistema, fejn kienet ineffiċjenti u x'kellu jsir biex tiġi implimentata sistema effiċjenti. Għalhekk l-atturi kienu ben konxji tal-problema, u meta l-attriċi aċċettat li teħles lis-

soċjetà konvenuta minn kull responsabbilità għal quddiem u li "*no claims can be issued*", u dan wara li s-soċjetà konvenuta aċċettat li tħallas hi għax-xiri ta' żewġ pompi ġodda u għall-istallazzjoni tagħhom minn terzi, kienet taf bin-natura tal-problema u li s-sistema nnifisha kienet problematika. Hi riedet teħles u ħadet ir-riskju li taċċetta dak li offritilha s-soċjetà konvenuta wara li ħadet il-pariri tekniċi li dehrilha li kellha tieħu.

15. Din il-Qorti ma tqisx li l-klawsoli li ntużaw fil-ftehim huma inġusti għall-atturi bħala konsumaturi. L-ewwel nett, l-atturi ma aċċettawx il-proposta mill-ewwel, iżda kellhom kull opportunità jikkonsultaw ruħhom ma' min riedu. Fit-tieni lok, il-klawsoli ddaħħlu fil-kuntest ta' transazzjoni, fejn il-partijiet jiftehemu bi *quid pro quo.* Dan ma kienx ftehim li kummerċjant offra lill-konsumatur qabel ma wettaq jew aċċetta li jwettaq il-kuntratt, fejn allura jopera l-prinċipju li l-kummerċjant ma jistax jeskludi jew jillimita d-drittijiet legali tal-konsumatur. Dan kien ftehim li l-partijiet waslu fih wara li l-appalt ġie konkluż. Fi ftehim ta' transazzjoni huwa normali li l-partijiet jiftiehmu li jirrinunzjaw għal kull pretensjoni reċiproka. Is-soċjetà konvenuta, hu veru, kellha obbligu twettaq l-opera tagħha skont l-arti u s-sengħa, u tara li x-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti, però, x-xogħol suppost rimedjali ma sarx minnha, iżda minn terz magħżul mill-atturi, u dan bi spejjeż għas-soċjetà konvenuta. L-atturi aċċettaw dan u aċċettaw li jirrinunzjaw għall-kull pretensjoni kontra s-soċjetà konvenuta. Dan ma hux każ fejn parti

waħda, l-atturi, sempliċiment iċċedi l-armi u taċċetta li toqgħod biss għall-pretensjonijiet tal-parti l-oħra, għax kif ingħad l-atturi ikkonsultaw ruħhom ma' esperti fil-materja u aċċettaw l-arranġament li ġie propost lilhom għax ħasbu li sejrin isolvu l-problema. L-atturi kienu jafu bil-problema, jew, tal-anqas, kellhom parir tekniku fir-rigward, u ħadu deċiżjoni studjata fuq is-saħħa ta' dak il-parir. B'dak li aċċettaw li jsir iddeċidew li kienu se jsolvu l-problema, u li ma ġarax hekk ma hux tort tas-soċjetà konvenuta.

16. Din il-Qorti f'kuntest differenti, iżda f'materja ta' deċiżjoni wara parir, fil-kawża "<u>Peter Cassar Torregiani et v. Onorevoli Dominic Mintoff et",</u> deċiża fl-14 ta' Ottubru, 2014, kienet għamlet is-segwenti osservazzjoni dwar l-aġir tal-atturi:

> "*Kienu jafu li qed jerhu l-ishma li kellhom fil-bank in kwistjoni minghajr hlas fi flus ghax l-ishma gew meqjusa bla valur intrinsiku. Jekk persuna tiffirma ghal xi haga bil-pjena konoxxenza ta' dak li kienet qed taghmel, u wara tinduna li ghamlet kalkolu hazin, ma tistax tinvoka l-kriterju ta' zball biex thassar il-kuntratt. Jekk il-parir li hadu l-atturi dwar il-valur tal-ishma, kien zbaljat, ir-rimedju taghhom, se mai, jista' jkun dirett lejn min irilaxxja dak il-parir, però, ma jistax jinghad li kienu fi zball dwar is-sustanza tal-oggett in kontratazzjoni*."

L-atturi, f'din il-kawża, mhux qed jitolbu li jħassru l-ftehim ta' tranżazzjoni minħabba żball, iżda xorta jilmentaw fuq id-deċiżjoni li ħadu wara parir tekniku. Id-deċiżjoni ħaduha meta kellhom il-fatti kollha quddiemhom, u ma jistgħux ikomplu jilmentaw mis-sistema provduta lilhom.

17. Lanqas b'dak li seħħ wara l-bidla tal-pompa ma jista' jitfa' xi responsabbilità fuq il-kumpanija konvenuta. Johann Aloisio, għas-

soċjetà konvenuta, kien intalab jerġa' jara s-sistema li baqgħet bil-problemi, u mar jaraha. Ta xi pariri, u offra li jħallasha €5000 biex jaqta' minn magħha, però, qatt ma assuma responsabbilità għas-sistema kif mibdula minn terzi. L-intervent tiegħu ma jnaqqas xejn minn dak li kien ġie miftiehem. Il-problema baqgħet l-istess li l-atturi ppruvaw isolvu bil-bidla fil-pompa wara li ħadu parir tekniku. Li r-riżultat ma kienx kif mixtieq seta' kien tort tas-sistema oriġinali, iżda għal dan sar ftehim ta' transazzjoni li in forza tiegħu s-soċjetà konvenuta ġiet meħlusa minn kull responsabbilità.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi Keegan billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi in Prim Istanza, fiċ-ċirkustanzi ta' kif żvolġew l-affarijiet, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da